**383. L-Onor. Jason Azzopardi jipproponi:**

Peress li fis-Seduta Nru 350 tat-30 ta' Ġunju 2020 ingħata *Ruling* minn Mr Speaker li fih iddeċieda li l-Onor. Jason Azzopardi kien ħati *prima facie* ta' ksur ta' privileġġ fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat u għaldaqstant irrefera l-każ lill-Kumitat Permanenti dwar il-Privileġġi, wara li:

> "*innutat ukoll li aktar tard fid-diskors tiegħu l-Onor. Azzopardi qal, u nerġa' nikkwota*:
>
> "*Però hemm żewġ interpretazzjonijiet issa u Robert Abela jrid jaġixxi. Best case scenario: li Joseph Muscat sejjaħ elezzjoni bikrija għax kien jaf li Daphne Caruana Galizia se toħroġ l-istorja tal-Montenegro. Għax tal-Montenegro huwa l-mottiv għalfejn inqatlet Daphne Caruana Galizia."      "*
>
> *u ftit wara qal:*
>
> "*Worst case scenario: Joseph Muscat kien jaf li hemm pjan biex tinqatel*..."

Is-Sedja għalhekk rat li effettivament dak li qal l-Onor. Jason Azzopardi fil-konfront tal-Onor. Joseph Muscat kien imur kontra r-regoli tal-Kamra u wassal għal ksur ta' privileġġ taħt l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra (Kap, 113), partikolarment l-Ordni Permanenti 60;

Peress li l-Onor. Azzopardi huwa aggravat minn tali *Ruling* għal diversi raġunijiet, kemm ta' natura fattwali u anke ta' natura ta' Liġi;

Peress li tali *Ruling* għandu implikazzjonijiet serji u negattivi fuq l-imminar tal-eżerċizzju tad-dritt fundamentali tal-espressjoni politika f'pajjiżna mill-Membri Parlamentari f'materja gravi li tikkonċerna l-assassinju ta' Daphne Caruana Galizia, ġurnalista li nqatlet għax kienet ser tikxef skandlu kolossali multimiljunarju ta' korruzzjoni f'proġetti kapitali, inkluż fil-Montenegro, relatati mal-enerġija li fihom sar magħruf li hemm involuti l-Onor Joseph Muscat, l-ex Ministru Konrad Mizzi u l-ex *Chief of Staff* tal-Onor. Muscat;

Peress illi hu dmir ta' kull Membru Parlamentari, iktar u iktar tal-Oppożizzjoni, li jżomm taħt skrutinju għemil il-Gvern u l-membri tiegħu, liema skrutinju ma jiswa xejn jekk ma jiġix imħares id- dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta' kull Membru Parlamentari;

Peress li l-Onor. Azzopardi essenzialment dak li qal fid-diskors tiegħu fl-Aġġornament lamentat u suġġett tar-*Ruling* li qed jiġi appellat kien il-preżentazzjoni ta' żewġ fatti li saru magħrufa f'xhieda fil-miftuħ u li ġiet mismugħa fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fl-Inkjesta Pubblika li għaddejja bħalissa, it-tnejn fatti ta' gravità, ta' importanza madornali u li jwasslu 'l kull bniedem ta' intelliġenza ordinarja għaż-żewġ xenarji li l-Onor Azzopardi elenka;

Peress illi d-dritt fundamentali tal-espressjoni politika ta' Membru Parlamentari huwa ogħla minn kull Ordni Permanenti li ma jistgħux jintużaw jew jiġu interpretati biex jidfnu jew jirreprimu tali dritt fundamentali, liema dritt fundamentali la jingħata mis-Sedja u lanqas jittieħed mis-Sedja;

U peress li l-Ordni Permanenti numru 62 jipprovdi li kull Membru jkun jista' b'mozzjoni magħmula wara avviż u fi żmien jumejn mill-għoti ta' dik id-deċiżjoni, jagħmel mozzjoni li dik id-deċiżjoni tal-Ispeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha mill-Kamra u li dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra;

Għalhekk din il-Kamra taqbel u tirriżolvi li r-*Ruling* tal-Ispeaker li ngħata fis-Seduta Numru 350 nhar it-Tlieta, 30 ta' Ġunju 2020 dwar id-diskors fil-ħin tal-Aġġornament tal-Onor. Jason Azzopardi għandu jiġi rivedut u jsir rapport fuqu mill-Kamra u li dak ir-rapport jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra.

01.07.2020